Charles Farrugia



**Dan l-artiklu huwa t-tieni parti ta' studju dwar id-devozzjoni lejn il-Madonna taħt it-titlu tal-Ġilju. Filwaqt li fl-ewwel parti tkellimna dwar id-devozzjoni taħt dan it-titlu ġewwa Firenze u Caltagirone, din il-parti tittratta devozzjonijiet relatati ġewwa erba' postijiet imxerrda ma' Malta u Għawdex. L-aħħar parti ta' dan l-artiklu tiġi pubblikata fil-ħarġa ta' sena oħra.**

**Għawdex**

Ġewwa Għawdex id-devozzjoni Marjana taħt it-titlu 'tal-Ġilju' tmur lura sew, aktarx qabel dik ġewwa Malta. Fis-26 ta' Jannar 1478, insibu Jus Patronatus sabiex tinbena kappella fix-Xagħra ġo Għawdex bl-isem 'Santa Marija tal-Ġilju'. [1] Legat ieħor dwar l-istess kappella jinsab f'kuntratt datat 28 ta' Jannar 1504 imħolli minn Angelo Amarino. Din il-knisja nbniet u bdiet tiġi magħrufa bħala 'Tal-Ġilju' qrib Għajn Xejba. [2]

Waħda mill-eqdem kappelli dedikati lill-Viżitazzjoni ġewwa Għawdex kienet dik tal-Belliegħa, li kienet magħrufa bħala 'Tal-Ġilju'. [3] Mons. Pietru Dusina żar din il-knisja fl-1575. [4] Li hu importanti f'dan il-każ hu li nsibu din ir-rabta mal-Viżitazzjoni fejn f'każi oħra r-rabta hi mal-Madonna tas-Sokkors. Fil-fatt il-festa kienet issir fit-2 ta' Lulju. [5]

Fil-lista ta' knejjes imsemmija fil-Vista ta' Molina fl-1545, tissemma l-knisja tal-*Concezione della B. Vergine* magħrufa bħala ta' 'Luarda'. Ma' din il-kappella kien hemm marbuta d-drawwa li fil-festa jiġu mqassma '*4 tumole di frumetto in pane.*' Aktar tard fl-istess post u fuq il-fdalijiet ta' din il-knisja f'Ta' Qabbieza, inbniet kappella oħra. L-ispejjeż tħallsu mill-Kleriku Xmun Apap u bdiet tiffunzjona sa Settembru 1634, fejn baqgħet frekwentata sal-1654. [6]

Fid-29 ta' Jannar 1663 twaqqfet il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ġewwa r-Rabat, li għalkemm kien għad ma għandhiex statut tagħha, ħolqot tradizzjonijiet u riti ta' qima għall-membri tagħha. [7] Fl-24 t'April 1687 insibu rapport dettaljat tal-prattiċi ta' din il-Fratellanza, fil-Vista Pastorali ta' l-Isqof Cocco Palmieri. Fl-1652 il-Franġiskani ngħataw permess sabiex jibdew jorganizzaw purċissjoni ad unur tal-Purità tal-Madonna magħrufa bħala 'Tal-Ġilju.' [8] Fl-1760 l-Isqof Bartolomeo Rull ta permess lill-Konfraternità ta' Kunċizzjoni sabiex tintuża l-istatwa waqt il-purċissjoni mat-toroq prinċipali tar-Rabat. [9]

**L-Isla**

Fl-1618, Narduccio de Maria waqqaf artal iddedikat lil *S. Mariae del Soccorso sive Conceptionis,* ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Isla. Konfraternità dedikata lill-Immakulata Kunċizzjoni nsibuha mwaqqfa qabel l-1686. [10] Din il-Konfraternità kienet tieħu ħsieb festa bl-istatwa tal-Madonna filwaqt li festa oħra kienet issir fir-raba' Ħadd ta' Mejju. [11]

Fit-testment ta' Marija Cassar datat 18 ta' Ġunju 1759 quddiem in-nutar Franġisku Pisani, insibu referenza għall-festa tar-raba' Ħadd ta' Mejju. Din tissemma bħala l-festa tal-Purità. Fit-testment tagħha, Marija Cassar ħalliet libsa tad-drapp tal-lama tad-deheb sabiex titlibbes lill-istatwa fi tliet festi, fosthom dik tal-Purità. [12]

Ir-rabta mal-ġilju kienet importanti tant li n-nies kienu jiġbru ħafna ġilju, li wara li jitbierek kien jitqassam fost il-kleru, l-fratelli kif ukoll in-nies. Aktar tard Geromina Portelli bdiet toffri l-ġilju kollu li jiftaħ fix-xahar ta' Mejju fi ġnien li kellha ġewwa Bormla, għall-festa tal-Madonna tal-Ġilju. Bħala ringrazzjament, il-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ta' l-Isla fis-7 ta' Settembru 1779 daħħlet lil din il-mara fost il-benefatturi tagħha. [13]



*Dan il-gandlier huwa wieħed minn sett li jintramaw fuq wieħed mill-artali prinċipali tal-knisja ta' Bormla u li sal-lum għadhom jissejħu 'tal-Ġilju' peress li kienu jintużaw għal din il-festa.*

*ikompli f'paġna 95*

**Bormla**

Insibu li fl-aħħar snin tas-seklu 17, il-festa ta' *Sanctae Mariae Conceptionis del Succurso* kienet tiġi ċelebrata b'solennità u permezz ta' purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna. [14] Purċissjoni simili kienet issir fir-raba' Ħadd ta' Mejju fl-okkażjoni tal-festa tal-Madonna tal-Ġilju. [15]

Huma diversi d-dokumenti li jippruvaw li f'Bormla kienet tiġi ċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Ġilju. L-aktar dokument antik li rnexxielna nsibu sa issa huwa Mutett miktub għal tliet vuċijiet u vjolinċell. Din il-biċċa mużika nkitbet apposta għall-purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju u peress li tinsab konservata fl-Arkivju Mużikali tal-Kolleġjata ta' Bormla probabli li kienet tindaqq fil-purċissjoni li kienet issir f'Bormla. Id-dokument iġib id-data ta' l-14 ta' Mejju 1763. [16] Tajjeb ukoll wieħed isemmi li din is-silta ġiet esegwita fil-Kungress Marjan nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru 1983.

Dokument interessanti li jinsab fl-Arkivju tal-Kurja jindika li l-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla kellha l-obbligu li tiċċelebra l-festa tal-Madonna tal-Ġilju fit-tielet Ħadd ta' wara d-dedikazzjoni tal-Knisja. F'rikors minn Ġużeppi Mizzi u Giovanni Vella bħala Prokuraturi tal-Konfraternità tal-Kunċizzjoni, insibu li *'sui da tempi immemorabili dell erezione di detta Confraternità solita solleniza per sinodale precessione la festività della B.V.M. del Giglio'.* [17] Dan hu importanti għaliex jieħu din il-festa ferm lura fiż-żmien. Tajjeb li wieħed jgħid li għalkemm ma nafux bl-eżatt id-data tat-twaqqif tal-Fratellanza tal-Kunċizzjoni ġewwa Bormla, żgur li kienet diġà teżisti lejn l-1586. [18]



*Il-Knisja tal-Karmelitani ġewwa l-Imdina fejn fil-passat kien hemm imwaqqfa fratellanza dedikata lill-Madonna tal-Ġilju u kienet issir il-festa tagħha.*

Jidher li kienet id-drawwa li fil-festa tal-Pentecoste ssir purċissjoni solenni li fiha jieħdu sehem il-Fratellanzi ta' Bormla. Kien isir ukoll it-tberik taċ-ċentufolji li jitqassmu lill-fratelli tar-Rużarju u jinġarru flimkien mat-torċi li jġorru f'idejhom il-fratelli. [19]

Fis-26 t'April 1881, il-Prokuraturi tal-Fratellanza tar-Rużarju ta' Bormla, Francesco Agius u Ġużeppi Camilleri ppreżentaw rikors ta' protesta fil-Kurja ta' l-Arċisqof. [20] Huma qalu li t-tradizzjoni taċ-ċentufolji kienet ġiet konċessa lilhom mill-Papa Innoċenzu XI u l-introduzzjoni ta' dan l-att min-naħa tal-fratellanza tal-Kunċizzjoni kien biss biex inissel pika. Hawnhekk ir-rikors isemmi bħala argument li fil-festa tal-Purità [21] li kienet issir fl-istess knisja mill-Konfraternità tal-Kunċizzjoni l-fratelli kienu jużaw din l-użanza f'okkażjonijiet speċjali.

Fir-rapport tal-Kapitlu tal-Kolleġjata għal din il-petizzjoni, il-Kapitlu qal li ma kien hemm xejn ħażin f'din id-drawwa speċjalment meta wieħed jiftakar li ' ... *il giglio (destinato per altro da Santa Madre Chiesa per simboleggiare la Purità della SSma. Vergine, loro Patron) ...'* [22]

Jidher li bħalma ġara f'postijiet oħra, d-devozzjoni lejn tal-Ġilju naqset u maż-żmien dan il-kult intesa. Żgur iżda li dan ġara fis-seklu tagħna għaliex fl-Arkivju tal-Kolleġjata ta' Bormla, f'dawk li jissejħu Folji insibu l-ismijiet tal-predikaturi li kienu jagħmlu l-priedka taħt il-vers *'predica per la madonna del giglio'* li jibqa' jirrepeti ruħu sal-1905. [23]

**L-Imdina**

L-Imdina huwa post importanti ħafna għall-istudju tagħna. F'dan il-lokal mhux biss kien hemm devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju iżda wkoll fratellanza bl-istess isem. Dan il-każ hu ta' interess partikolari peress li l-fratellanza ġġib l-isem 'Madonna tal-Ġilju' u mhux 'Immakulata Kunċizzjoni'. [24]

Fid-dokumenti tal-Karmelitani ta' l-Imdina nsibu li fid-9 ta' Settembru 1760, sar ftehim bejn il-Konfraternità tal-Madonna tal-Ġilju u dik ta' Sant' Antnin fil-knisja ta' l-Agostinjani biex jieħdu sehem fil-purċissjonijiet tal-festi rispettivi. Dawn iż-żewġ festi kienu ta' San Nikola ta' Tolentinu u tal-Madonna tal-Ġilju. L-istess dokument jgħid li l-fratellanza tal-Madonna tal-Ġilju spiċċat minħabba diffikultajiet fi żmien il-pesta. [25] L-unika referenza għal din il-Fratellanza ġewwa l-Arkivju tal-Karmelitani hi dik li tissemma hawnhekk. Il-probabilità hi li d-dokumenti l-oħra ġew distrutti minħabba l-istess pesta.

Għalkemm l-informazzjoni dwar il-funzjonijiet li kienu jsiru ad unur il-Madonna tal-Ġilju hija ftit wisq, jidher li ċ-ċelebrazzjoni ta' din il-festa baqgħet issir f'forma ristretta ġewwa l-Kunvent tal-Karmelitani u tilħaq il-qofol tagħha b'funzjoni fil-knisja. Naturalment fl-imgħoddi kienet issir b'solennità akbar speċjalment meta kien hemm il-Fratellanza marbuta magħha. [26]

*Noti u Referenzi*


1. Bezzina, J. 1989. Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Għawdex, fil-*Programm tal-Festa tal-Ġilju,* p. 39.
2. *Ibid.,*
3. Bezzina, Jos. Marian Devotions in Gozo f'*Marian Devotions in the Islands of St. Paul 1600-1800,* p. 231.


*ikompli f'paġna 97*

4. National Library Ms. Lib. 643 fol. 335
5. Bezzina, J. 1989. *Programm festa tal-Madonna tal-Ġilju*, p. 41.
6. Bezzina, Jos. *op. cit.*, p. 233
7. Borg, V. *op. cit.*, p. 276
8. Fiorini, B. 1963 'I Francescani al Gozo', estratto da *Melita Historica* vol. 3, No. 4, p. 9; "... *risulta poi dal Cabreo in un esposto al Gran Maestro de Vilhena, redatto nel 1732 dal Sig. Carlo Cauchi e registrato negli atti della Univ. di Gozo che da settantacinque anni addietro, cioe verso il 1652, si tenevano gia le processioni dell' Immacolata e della Madonna del Giglio'*
9. *Ibid.*, p. 10.
10. Borg, *op. cit.*, p. 98
11. (A)rkivju (A)rciveskovil (M)alta: VP 169-1700 ab Alia, 497v-498r
12. Farrugia, C. 1989 Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju, fil-*Programm tal-Festa tal-Ġilju*, p. 17.
13. *Ibid.*,
14. Borg, V. *op. cit.*, p. 92
15. AAM, *Suppliche* 4 (1714-41 I) 220v
16. Azzopardi, G. 1986, Kompożizzjoni Mużikali għall-Purċissjoni tal-Madonna tal-Ġilju, *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, p. 33.
17. AAM., *Supplicationes 1826-27*, Vol. 27 No. 40
18. Bonnici A., 1993 *Il-Knejjes Parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom, p. 76.*
19. AAM: *Supplichi 1881*, Vol. I fol. 386, *'nelle processioni le portini attaccate al cero'.* Referenzi għas-Supplichi huma skond in-numerazzjoni il-ġdida.
20. *Ibid.*,
21. *Ibid.*, 'All' *occasione della festa della Purità che si celebra in detta chiesa della stessa Conf' delle Concesione* ....' Hawnhekk il-Festa tal-Madonna tal-Ġilju nsibuha msemmijha bħala tal-Purità, l-istess bħal fl-Isla fl-1759. Ara wkoll Farrugia C., Id-Devozzjoni lejn il-Madonna tal-Ġilju f'Malta.
22. AAM., *op. cit.*, fol. 391
23. Informazzjoni mgħoddija mill-Kan. G. Bonello
24. Fratellanza oħra bl-isem 'Madonna del Giglio' ġiet imwaqqfa ġewwa Firenze fl-1405.
    Ara Farrugia C. 1993 Il-Kult Marjan taħt it-Titlu tal-Ġilju (1), *Programm tal-Festa tal-Madonna tal-Ġilju*, p. 81
25. (A)rkivju (K)armelitani (M)dina: Archivio Agos. p. 107 *'Convenienza tra le due confraterniti della B.V.M. sotto il titolo del giglio eretta in chiesa nostra che fu terminata coll flagello della Pesta, e tra quella di S. Antonio eretta nella chiesa di S. Agostino, che accompagnaranno le precessioni.'* Id-dokument jaqra hekk: *'Ad 9 settembre 1760 - I RR. PP. Carmelitani della Notabile fermo obbligo reciproce cogli Agostini de accompagnare le processione di S. Nicola di Tolentino, e questo di accompagnare le processione della Madonna del Giglio'.*
26. Korrispondenza ma' Fr. Amadeo Zammit, 3/xii/1993

**Ħajr:**
**Fr. Busuttil u l-Kan. Ġużeppi Bonello fl-Arkivju tal Kurja Arċiveskovili; Kan. Ġwann Azzopardi u Noel D'Anastas fl-Arkivju tal-Kattidral, Mdina; Fr. Serafin Abela O.Carm fl-Arkivju tal-Karmelitani, Mdina; Fr. Serafin Borg O.S.A. fl-Arkivju tal-Agostinjani, Valletta; Fr. Amadeo Zammit O. Carm. u l-Kan. Joseph Portelli.**


NOTA delle Prediche da farsi in questa **Santa Perinsigne Collegiata Parrocchiale Chiesa,** nei mesi di Maggio, Giugno, Luglio, Agosto e Settembre dell' anno corrente, non che di quelle delle Domeniche di ciascun mese del prossimo anno 18

*Le prime Domeniche, il triduo, ed il Panegirico* di Nostra Signora *del Ssmo. Rosario* . . . . .
*Le seconde Domeniche il Catechismo* . . . . . .
*Le terze Domeniche.* . . . . . . . . . . .
*Le quarte Domeniche* sulla *buona morte* . . . . .
*Panegirico* dell' Invenzione *della S. Croce* . . . .
*Settena* e *Panegirico* del Patrocinio del Patriarca *San Giuseppe* . . . . . . . . .
*Panegirico* di Nostra Signora sotto il titolo *del Giglio*
*Novena* dello *Spirito Santo* . . . . . . . . .
*Orazione panegirica* per le 40 ore nel 1° giorno *di Pentecoste*
Detta do. nel 2° do.
Detta do. nel 3° do. (in liga. Itana.)
Il mese mariano . . . . . . . . . . . .
Panegirico per la chiusura di detto mese

*Dan id-dokument huwa parti mir-reġistri fl-Arkivju tal-Kolleġjata ta' Bormla. Dawn il-listi kienu jintużaw sabiex jitniżżlu l-ismijiet tal-priedikaturi li jmexxu l-festi. Fost il-festi elenkati nsibu l-vers 'panegirico di Nostra Signora sotto il titolo del Giglio.'*

**PRIME BACON CO. LTD.**
**Member of the J & L Muscat Group**
**MGIERET ROAD - MARSA Tel: 222291/2**
**Producers: PRIME WILTSHIRE CURE BACON & HAMS**
**ENGLISH TYPE PORK & BEEF SAUSAGES**
**Awarded the Malta Government Board of Standards Award.**
**'FLOWER MARK'**
**For: 1. Quality; 2. Purity; 3. Hygiene**